**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2017**

Numru 9

**Rikors Nru. 884/2016**

**Toni sive Tony Grixti**

**vs**

**Carl Bonnici u Elaine Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Ottubru 2016 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena (Dok. TG1) l-intimati ikkostitwew ruhom veru certi u likwidu debituri a favur tar-rikorrenti ghas-somma ta' hamsa u sebghin elf mitejn u disa' ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro [€75,209.37] rappresentanti ammont dovut mill-intimati lir-rikorrenti ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimati, oltre l-imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) dekorribli mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv u dan ai termini tal-istess att ta' kostituzzjoni ta' debitu;

2. Illi l-kuntratt surreferit gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) bin-numru 31/2011 (Dok. TG2);

3. Illi r-rikorrenti ghadu kreditur fis-somma intiera ta' hamsa u sebghin elf mitejn u disa' ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro [€75,209.37] oltre l-imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) dekorribli mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv u konsegwentement r-rikorrenti jikkonferma lid-dejn ghadu dovut fl-intier;

4. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-kuntratt u mid-data tal-ittra ufficjali u ghalhekk kellha ssir il-procedura odjerna a tenur tal-artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura CiviIi (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex l-istess titolu ezekuttiv jigi rez ezegwibbli mill-gdid:

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett IiI din l-Onorabbli Qorti sabiex:
1. Tiddikjara a tenur tal-artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura CiviIi (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) Ii l-imsemmi kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena bhala titolu ezekuttiv u ezegwibbli fil-konfront tal-intimati fis-somma intiera ta' hamsa u sebghin elf mitejn u disa' ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro [€75,209.37] oltre l-imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) dekorribli mill-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv; u

2. Tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tal-imsemmi kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena;

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess intimati.

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-intimati notifikati, ma dehrux ghas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2017 u lanqas pprezentaw risposti;

Billi mil-provi moghtija konfermati bil-gurament mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors huma skond il-ligi;

Tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur